**It-Tribunal għal Servizzi Finanzjarji**

Pierre Lofaro LL.D – Chairman
Frank Bonello ACIB – Membru
Mario Bonello ACIB – Membru

**Bank of Valletta p.l.c**

**Vs.**

**L-Awtorità Għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**

Illum, 20 ta' Ġunju, 2012

It-Tribunal,

Ra r-rikors imressaq minn Alex Aquilina et fl-għaxra (10) t'April 2012 li permezz tiegħu ir-rikorrenti talbu:

> *... leave to intervene in statu et terminis in the appeal proceedings filed before this Tribunal in the names in caption, and to grant the applicants the opportunity to make their submissions and to bring their evidence in these proceedings under those terms which the Tribunal may consider fit and appropriate.*

Ra d-digriet tiegħu tat-tnax (12) t'April 2012, li permezz tiegħu ordna n-notifika ta' l-imsemmi rikors lill-bank appellant u lill-awtorità appellata, b'sebat ijiem utli għar-risposta.

Ra r-risposta ta' l-awtorità appellata, ippreżentata fis-sbatax (17) t'April 2012, li permezz tagħha l-istess awtorità rrimettiet ruħha għad-deċiżjoni tat-tribunal.

Ra li fl-udjenza tas-sbatax (17) t'April 2012, it-tribunal estenda t-terminu mogħti lill-bank appellant sabiex iressaq r-risposta tiegħu għar-rikors suriferit

sat-tnejn (2) ta' Mejju 2012, wara talba għal estensjoni magħmula mill-istess bank appellant mhux opposta mill-awtorità appellata.

Ra r-risposta estensiva tal-bank appellant ippreżentata fit-tletin (30) t'April 2012, li permezz tagħha ġew opposti t-talbiet dedotti fir-rikors suriferit, u dan għas-segwenti raġunijiet kif ġew imfissra fil-qosor mill-istess bank appellant fl-introduzzjoni tar-risposta tiegħu:

1. *The institute of intervention in suits in statu et terminis has no application in the Appeal proceedings and there exists no right of the applicants at law for their intervention in the Appeal proceedings, nor indeed does the Tribunal have the power to order such intervention.*

2. *In any event, even if the institute of intervention in statu et terminis could have any application in the Appeal proceedings (which it does not), the applicants would have to show that they have the requisite juridical interest so to do, which as shall be explained in this reply, is completely absent in the context of the Appeal proceedings.*

Ikkunsidra: -

Illi permezz tar-rikors imressaq mir-rikorrenti Alex Aquilina et fl-10 t'April 2012, qed tintalab l-ammissjoni f'dawn il-proċeduri ta' l-istess rikorrenti bħala intervenuti *in statu et terminis*, ai termini ta' l-Artikolu 960 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Din it-talba ġiet opposta mill-bank appellant u r-raġunijiet għal din l-oppożizzjoni huma spjegati dettaljatament fir-risposta ippreżentata mill-istess bank fit-30 t'April 2012.

Illi l-ewwel kweżit li jrid jiġi mistħarreġ huwa jekk l-istitut ta' l-intervent fil-kawża, kif kontemplat fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, huwiex applikabbli u jistax jiġi invokat fi proċeduri li jkunu pendenti quddiem dan it-Tribunal.

Illi l-bank appellant jsostni li l-istitut ta' l-intervent fil-kawża ma jista qatt jiġi ammess f'proċeduri quddiem dan it-tribunal. Il-bank appellant isostni li l-poteri ta' dan it-tribunal huma limitati għall-każijiet speċifiċi kkontemplati b'liġijiet speċjali li fihom il-partijiet huma r-regolatur (f'dan il-każ l-awtorità appellata) u l-persuni/entitajiet regolati mill-istess regolatur (f'dan il-każ il-bank appellant). Individwi milquta ħażin minn persuni/entitajiet regolati li jiġu ċensurati mir-regolatur ma jistgħu qatt ikunu parti f'appelli quddiem dan it-

tribunal intavolati kontra r-regolatur mil-imsemmija persuni/entitajiet regolati fejn dawn ta' l-aħħar jattakkaw id-deċiżjoni tar-regolatur f'materja konnessa ma l-imsemmija individwi li jkunu ġew milquta ħażin. Tali individwi jistgħu jirrikorru biss għall-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili.

Il-bank appellant ikompli jsostni li d-deċiżjoni ta' dan it-tribunal tal-11 ta' Jannar 2012 f'kawża oħra bejn l-istess partijiet, u li fiha terzi ġew ammessi li jintervjenu, kienet żbaljata. L-istitut tal-kjamata fil-kawża, jkompli jsostni l-bank appellant, japplika biss għall-qrati imsemmija fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedua Ċivili u tribunali u bordijiet fejn il-liġi li twaqqafhom speċifikament tgħid li hu applikabbli għalihom id-diposizzjonijiet ta' l-istess kodiċi. Il-fatt biss li l-liġi li twaqqaf dan it-tribunal tagħtih il-poter li jirregola l-proċedura tiegħu stess, f'każ li l-Ministru ma jagħmilx (kif m'għamilx) regolamenti f'dan ir-rigward, ma jfissirx li b'daqshekk it-tribunal għandu l-poter li jippermetti terzi jintervjenu fil-proċeduri li jkollu quddiemu u dan minħabba n-natura nnifisha ta' l-istess proċeduri li jikkonċernaw biss ir-regolatur u l-persuni/entitajiet regolati minnu. Fil-każ ta' dan it-tribunal, ir-referenza għall-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandha tkun limitata biss għal kwistjonijiet ta' regolamentazzjoni amministrattiva u mhux sabiex jinħolqu drittijiet, proċedurali jew sostantivi.

Illi jingħad minnufih li dan it-tribunal ma jaqbilx ma dawn is-sottomissjonijiet tal-bank appellant. Kif esponew kemm ir-rikorrenti u kemm il-bank appellant, dan it-tribunal diġa ddeċieda l-kweżit in diżamina permezz ta' digriet datat ħdax (11) ta' Jannar 2012 mogħti fi proċeduri oħra, li iżda huma wkoll pendenti bejn l-istess bank appellant u l-awtorità appellata. It-tribunal jikkonferma l-ħsieb preċedenti tiegħu tal-11 ta Jannar 2012 u cioè:

> "*Illi l-artikolu 21(15) tal-Kap. 330 jgħid:*
>
> *"Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti li jirregolaw il-proċeduri u drittijiet sabiex isiru u jitmexxew appelli quddiem it-Tribunal, iżda fin-nuqqas ta' dawk ir-regolamenti u bla ħsara għar-regoli ta' ġustizzja naturali, it-Tribunal għandu jirregola l-proċedura tiegħu stess."*
>
> *Illi s'issa l-Ministru ma għamel l-ebda regolamenti li jirregolaw il-proċeduri quddiem dan it-tribunal u għalhekk it-tribunal f'kull każ li kellu quddiemu rregola l-proċeduri tiegħu.*

*Illi t-tribunal minn dejjem kien tal-fehma li sa fejn hu possibbli jsegwi l-prinċipji in materja stabbiliti mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Civili u ddipartixxa biss minnhom sabiex jirrendi l-proċeduri quddiemu aktar flessibbli, anqas riġidi u anqas formali, bħal, per eżempju, fl-użu ta' e-mails u l-mod kif jiġu ppreżentati u notifikati l-atti.*

*Illi l-istitut ta' l-intervent f'kawża in statu et terminis hu regolat bl-artikolu 960 tal-Kap. 12 u stante li dan l-artikolu hu l-qofol tal-kwistjoni jimmerita li jiġi riprodott hawnhekk. Dan l-artikolu fil-fatt jgħid:*

*"Kull min juri b'sodisfazzjoni tal-qorti li huwa għandu interess f'kawża li tkun mixja bejn partijiet oħra, jista' fuq rikors, jiġi mdaħħal in statu et terminis, bħala parti fil-kawża, f'kull waqt tagħha, sew fil-qorti ta' l-ewwel grad kemm fil-qorti fi grad ta' appell; iżda dan l-intervent fil-kawża ma jwaqqafx il-proċeduri tagħha."*

*Dwar dan l-artikolu l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Ċivili (Superjuri) ikkummentat hekk fil-kawża* ***Angelo Abela vs. Joseph Zahra et*** *(29 ta' Ottubru 2002):*

*"Mill-kontenut ta' dana l-artiklu li nsibuh fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Civili għandu jirriżulta evidenti li l-liġi tagħna riedet tagħti fakolta' wiesa' biex parti interessata f'kawża partikolari tingħata l-possibilita' li tiġi ammessa anke meta l-istess kawża tkun bejn partijiet oħra u meta l-proċedura tkun saħansitra tinsab quddiem Qorti ta' Appell, kif inhu proprju l-każ in eżami. Ta' min ukoll josserva li l-liġi ma toqgħodx tiddistingwi bejn tipi ta' kawżi. ……………. Dak li invece tesiġi l-liġi huwa li dik il-parti jkollha <u>interess</u> li tintervjeni.*

*- omissis -*

*Il-Qrati tagħna dejjem taw interpretazzjoni miftuħa dwar dan l-istitut. Kif jingħad fil-każ klassiku deċiż mill-Imħallef Luigi*

*Ganado fil-kawża fl-ismijiet "Stepton -vs- Spiteri" deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Novembru 1898 li,*

*"E' stato ritenuto che, nel linguaggio della Procedura, e' terzo una persona materialmente estranea al giudizio fra altri pendente, e se viene chiaramente dimostrato che questo terzo ha un interesse qualunque, purche' sostanziale, sia personale che reale, e non derivativo nell'esito del giudizio che si agita fra altri, egli ha il diritto di intervenirvi, e' puo' essere chiamato a prenderne parte".*

*L-artikolu 21(15) tal-Kap 330, fuq ċitat, hu car fis-sens li fin-nuqqas ta regolamenti ministerjali "u bla ħsara għar-regoli ta' ġustizzja naturali, it-Tribunal għandu jirregola l-proċedura tiegħu stess".*

*It-tribunal jinnota li disposizzjonijiet simili għall-artikolu 21(15) tal-Kap. 330 jinsabu f'numru ta' Atti tal-Parlament li bis-saħħa tagħhom jiġu stabbiliti tribunali simili, per eżempju l-Art. 9(1) Kap. 380 (Tribunal Għal Talbiet Żgħar) u l-Art 15(9) ta' l-Att dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp (illum abrogat).*

*Il-ġurisprudenza tagħna interpretat disposizzjonijiet simili bħala tali li ma jobbligawx lit-tribunal amministrattiv li jsegwi d-disposizzjonijiet tal-Kap. 12 (Philip Camilleri vs Awtorità ta' l-Ippjanar – Qorti ta' l-Appell (Superjuri) 27 ta' Marzu 2003). A contrario sensu, tali disposizzjoni allura trendi fakultattiva l-għażla tat-tribunal jekk jaderix ruħu jew le mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Civili.*

*Għalhekk m'hemm l-ebda ostakolu legali li jżomm lil dan it-tribunal milli jippermetti l-intervent ta' terzi in statu et terminis f'każ li jkunu jesistu r-rekwisiti neċessarji u cioè meta persuna turi b'sodisfazzjon li hija ghandha interess f'kawża li tkun miexja bejn partijiet oħra.*

*Hija ukoll, f'dan ir-rigward, interessanti s-segwenti mistoqsija li għamlet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Superjuri) fil-kawża* ***Teresina Portanier vs L-Awtorità ta' l-Ippjanar*** *deċiża fid-19 ta' Novembru 2001:*

*L-għoti ta' dan id-digriet iqajjem kweżit interessanti, li ma setgħax jisfuġġi lill-istudjużi ta' din il-materja: Jagħmel sens li wieħed jimpedixxi l-parteċipazzjoni quddiem il-Bord ta' persuna li tista' talvolta tkun kapaċi li tissodisfa lill-istess Bord li kellha interess suffiċjenti fil-proċeduri biex titħalla tintervjeni, meta dik l-istess persuna eventwalment seta' jkollha kull dritt li tintervjeni, "in statu et terminis" quddiem din il-Qorti, fl-appell li seta' eventwalment isir mid-deċiżjoni relativa tal-Bord quddiem din il-Qorti?."*

Illi abbażi ta' l-istess konsiderazzjonijiet, it-tribunal issa jerġa' jtenni li l-istitut ta' l-intervent fil-kawża huwa ammissibbli fi proċeduri li jkunu pendenti quddiemu, salv naturalment li t-terz li jkun qed jitlob l-ammissjoni tiegħu fil-proċeduri bħala tali juri li għandu l-interess ġuridiku rikjest.

Illi fil-fehma tat-tribunal, hija nfondata l-inferenza li l-bank appellant qiegħed jipprova jsostni meta jgħid li n-nuqqas tal-leġislatur li jrendi espressament applikabbli d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fir-rigward ta' proċeduri li jinstemgħu mit-tribunal ifisser li dawk l-istess disposizzjonijiet ma jistgħu qatt jiġu applikati. Inferenza din li hija eskluża mill-bank appellant nnifsu, meta jammetti li t-tribunal jista' jirreferi għall-imsemmi Kodiċi limitatament sabiex jirregola l-proċess amministrattiv. Dan għaliex, fil-fehma tat-tribunal, huwa kontro-sens li ssostni li d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi in kwistjoni ma japplikawx għal proċeduri quddiem it-tribunal, meta fl-istess nifs tistqarr li dawk id-disposizzjonijiet għandhom applikazzjoni, purche' tkun waħda limitata.

Illi fil-fehma tat-tribunal, il-liġi tagħti s-setgħa lit-tribunal biex jirregola l-proċedura tiegħu innifsu, u dan fl-assenza ta' regolamenti ministerjali appożiti. Ġaladarba l-liġi ma toħloq l-ebda xkiel jew ostakolu fir-rigward ta' din is-setgħa, mela allura l-esklużjoni li dwarha jsostni l-bank appellant m'għandha l-ebda fondament legali.

Illi għalhekk, ghar-raġunijiet mogħtija, din l-oġġezzjoni tal-bank appellant qegħda tiġi miċħuda.

Ikkunsidra :-

Illi jmiss li jiġi kkunsidrat jekk ir-rikorrenti għandhomx l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex jiġu ammessi bħala intervenuti *in statu et terminis* f'dawn il-proċeduri.

Illi l-proċeduri odjerni ġew ipprovokati minn deċiżjoni mogħtija mill-awtorità appellata fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Diċembru 2011. Permezz ta' din id-deċiżjoni, l-awtorità appellata, fil-vesti tagħha ta' awtorità regulatorja, sabet lill-bank appellant ħati ta' diversi infrazzjonijiet ta' l-i*Standard Licence Conditions*, u għaldaqstant imponiet penali fuq l-istess bank fl-ammont ta' €175,174. Il-bank appellant appella minn din id-deċiżjoni, liema appell wassal għall-proċeduri odjerni.

Illi d-deċiżjoni appellata tirrigwarda infrazzjonijiet li l-bank appellant allegatament wettaq fil-konfront tar-rikorrenti li qegħdin jitolbu li jintervjenu f'dawn il-proċeduri. Hija din l-unika konnessjoni ta' l-imsemmija rikorrenti mal-proċeduri odjerni.

Illi l-elementi ta' l-interess ġuridiku ġew ampjament imfissra minn **Mattirolo** [Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano] bil-mod segwenti:

"*54. L'azione presuppone il diritto, che essa e' chiamata a tutelare; ma perche' la si eserciti e' mestieri che vi si abbia interesse. Indi la massima di giurisprudenza tradizionale* ***"l'interesse e' la misura di azione"*** ***"point d'interet, point d'action"****. Il Codice di procedura civile italiano enuncia questo principio, applicandolo sia all'attore che al convenuto: all'articolo 36 (illum art. 100 c.p.c.) e' detto che* ***'per proporre una domanda in giudizio e per contradirre alla medesima, e' necessario avervi interesse'*** *…. l'interesse necessario per potere partecipare alla causa in qualita' di attore, di convenuto, o di terzo interveniete – deve essere* ***diretto, legittimo, e attuale.***

*55. E' mestieri dapprima che l'interesse sia* ***diretto, personale****, perche' … niuno e' ammesso a stare in giudizio se non per difesa di un interesse proprio, o di persona che esso legalmente rappresenta.*

*56. L'interesse deve in secondo luogo essere* ***legittimo****, cioe' conforme al diritto di chi sta in causa. L'interesse e' cosa essenzialmente distinta dal diritto, come l'utile e' distinto dal giusto; l'azione compete soltanto a tutela dei diritti, l'interesse e' la molla che la mette in esercizio. Quindi, se l'interesse e' scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non giudizio possibile; cosi' che, per isituire un giudizio, non basta che un fatto d'altri pregiudichi i nostri interessi, ma occorre che questo fatto ci arrechi un danno giuridico, danno*

*che non esiste se non e' injuria datum, secioe' non e' prodotto da chi, esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto.*

*57. Per ultimo l'interesse deve essere **attuale,** val quanto dire occorre che esista al momento in cui si propone l'azione. Avvertasi pero' che l'interesse puo' essere attuale, sebbene il diritto a cui si riferisce sia soltanto a termine, od anche solo eventuale; imperocche' anche un diritto eventuale puo' essere leso; e la lesione fa sorgere l'interesse attuale e legittimo ad ottenere la ricognizione del diritto col mezzo di una condanna preventiva, che risolva la contesa presente*" ( pag. 50 –52).

Illi dawn l-elementi, kif suesposti, ġew segwiti mill-ġurisprudenza nostrana.

Illi hija l-fehma ta' dan it-tribunal illi t-talba tar-rikorrenti ma tissodisfax ir-rekwiżiti msemmija għas-sussistenza ta' l-interess ġuridiku.

Illi l-proċeduri odjerni huma prettament proċeduri li jirrigwardaw ir-relazzjoni tal-kontendenti bħala regolatur u bħala persuna regolata mill-istess regolatur. L-impożizzjoni ta' penali fil-fatt hija l-konsegwenza ta' allegat ksur fil-kondizzjonijiet tal-liċenzja tal-bank appellant, liema liċenzja hija konċessa lilu mill-awtorità appellata, u liema liċenzja tikkonsisti *inter alia* fl-obbligazzjonijiet li l-bank appellant irid josserva fil-ġestjoni tal-kummerċ tiegħu kif eżerċitat taħt l-istess liċenzja, u dan taħt l-iskrutinju ta' l-awtorità appellata *qua* entita' regolatriċi.

Illi fid-dawl ta' dan, ma jirriżultax li r-rikorrenti għandhom interess **personali** f'dawn il-proċeduri, billi f'dawn il-proċeduri ma hemmx in kwistjoni xi dritt personali tagħhom. Kif diġa ntqal, dawn il-proċeduri jirregolaw esklussivament ir-relazzjoni tal-bank appellant ma' l-awtorità appellata, u d-drittijiet ċivili tar-rikorrenti jeżorbitaw minn din ir-relazzjoni, u per konsegwenza jeżorbitaw ukoll mill-parametri ta' dawn il-proċeduri.

Illi ġaladarba r-rikorrenti m'għandhomx interess **personali** f'dawn il-proċeduri, lanqas ma jista' jkollhom interess **leġittimu**. L-interess ikun **leġittimu** meta dan ikun akkumpanjat mid-dritt pretiż, b'mod illi mhux biżżejjed li jingħad li fatt ta' ħaddieħor jista' jirreka preġudizzju fil-konfront ta' l-interess ta' persuna, iżda dak il-preġudizzju irid ikun wieħed li joffendi jew jinġurja dritt ta' dik il-persuna, bil-konsegwenza li l-persuna preġudikata mbagħad ikollu interess azzjonabbli. Ladarba ġie stabbilit li r-rikorrenti ma għandhomx interess personali f'dawn il-proċeduri, mela allura f'dawn il-proċeduri ma jista' jiġi deċiż xejn dwar xi leżjoni ta' dritt ta' l-istess rikorrenti.

Fl-aħħar nett, lanqas ma jirriżulta l-element ta' **attwalita'** fl-interess allegat mir-rikorrenti, liema element ma jista' jeżisti qatt jekk mhux f'konkorrenza ma' l-elementi l-oħrajn li, kif suespost, ma jirriżultawx li huma preżenti.

Illi fir-rikors promotur tagħhom r-rikorrenti, għamlu referenza għad-digriet, ġia imsemmi aktar il fuq, ta' dan it-tribunal mogħti fil-11 ta' Jannar 2012 f'appell ieħor, pero fl-istess ismijiet bħal dak odjern, fejn it-talba ta' terzi li jintervjenu ġiet milqugħa. Sabiex isaħħu l-argument tagħhom li f'dawn il-proċeduri t-talba tagħhom għandha tiġi milqugħa, r-rikorrenti jsostnu illi ċ-ċirkostanzi fiż-żewġ appelli huma simili.

Dan mhux il-każ. Fil-kawża l-oħra id-direttiva ta' l-awtorità appellata li l-bank appellant qiegħed jipprova jimpunja hija waħda li għandha l-effett li ssalva d-drittijiet ta' dawk l-investituri li aċċettaw l-offerta tal-bank appellant, u li l-awtorità appellata tqis li hi nġusta, milli jiġu meqjusin bħala tranżatti permezz ta' l-istess ftehim. Din id-direttiva ngħatat bil-ħsieb li jkollha effett fuq id-drittijiet patrimonjali ta' l-investituri, billi jekk l-istess direttiva tiġi meqjusa bħala valida, din ikollha l-effett li, minkejja l-konklużjoni ta' ftehim bejn il-bank appellant u l-investituri, dawn ta' l-aħħar xorta waħda jkollhom id-drittijiet tagħhom, għal rimedju aħjar, impreġiudikat u azzjonabbli. Għalhekk f'dak il-każ it-tribunal kien tal-fehma illi l-interess ġuridiku tal-persuni li talbu li jintervjenu kien wieħed personali, leġittimu u attwali.

Għar-raġunijiet mogħtija aktar il-fuq fil-każ odjern dan l-interess ġuridiku ma jesistix.

Għal dawn il-mottivi, it-tribunal qiegħed jiċħad it-talba dedotta mir-rikorrenti Alex Aquilina et permezz tar-rikors ippreżentat fl-għaxra (10) t'April 2012.

L-ispejjeż ta' din id-deċiżjoni, jekk ikun hemm, għandhom ikunu a karigu ta' l-istess rikorrenti Alex Aquilina et.